



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

13342/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0335(NLE)

MAMA 181
MED 58
AGRI 512
PECHE 398
PA 4
WTO 248

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ottubru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 651 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 63(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 651 final.

Mehmuż: COM(2021) 651 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2021
COM(2021) 651 final

2021/0335 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 63(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt bejn l-Unjoni Ewropea u l-PLO ("il-Kumitat Konġunt") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-emendi temporanji previsti fil-Punt A tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim") għandu l-għan li jippromwovi l-kummerċ u l-investiment u r-relazzjonijiet ekonomiċi armonjużi bejn il-Partijiet u b'hekk irawwem l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tagħhom. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997.

2.2. Il-Kumitat Konġunt bejn l-Unjoni Ewropea u l-PLO

Il-Kumitat Konġunt bejn l-Unjoni Ewropea u l-PLO ("il-Kumitat Konġunt") għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim kif ukoll f'każijiet oħra meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim. Il-Kumitat Konġunt jaġixxi bi ftehim reċiproku bejn l-Unjoni u l-Awtorità Palestinjana.

2.3. Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' ittri

L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri") għandu l-għan li jilliberalizza ulterjorment il-kummerċ fil-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati u l-ħut u l-prodotti tas-sajd u jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim. Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012.

Il-punt C, il-paragrafu 1(a) tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri jawtorizza lill-Kumitat Konġunt jestendi b'deċiżjoni l-emendi temporanji għal perjodu addizzjonali. Mill-Kumitat Konġunt fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Partijiet esprimew l-intenzjoni tagħhom li jestendu l-emendi temporanji.

2.4. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt jeħtieġu jadotta deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri b'10 snin ("l-att previst").

Il-ħtieġa li jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża għadha teżisti. Dan huwa partikolarment il-każ wara vjolenza reċenti f'Gaża u madwarha. Il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża tista'

tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istabbiltà politika fir-reġjun. Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri kien ġie konkluż oriġinarjament għal perjodu ta' għaxar snin. Fid-dawl tat-tbatija ekonomika persistenti fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża u sabiex jiġu massimizzati l-istabbiltà u l-affidabbiltà tal-ippjanar, estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri b'10 snin oħra tkun l-aktar effettiva. Għalhekk, l-għan tal-att previst huwa li jestendi l-liberalizzazzjoni temporanja għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd għal 10 snin addizzjonali.

L-att previst se jsir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu 63(2) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni hija l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, li huwa mehmuż bħala Anness.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt huwa korp imwaqqaf permezz ta' ftehim internazzjonali. Dan ġie stabbilit bl-Artikolu 63 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 63(2) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim u għalhekk jikkostitwixxi att li għandu effetti legali.

Id-deċiżjoni prevista la tissupplimenta u lanqas ma temenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni fir-rigward tiegħu. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-kummerċ ta' merkanzija u għalhekk huma koperti bis-sħiħ mill-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni stabbilita fl-Artikolu 207 TFUE. Is-setgħa biex jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali hija stabbilita fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, jixraq li dan jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 63(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju ta' Assoċjazzjoni Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim, dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea minn naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 1997¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997.
- (2) L-Artikolu 63 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim stabbilixxa Kumitat Konġunt bis-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti fil-każijiet previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim.
- (3) L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, li jipprovdi aktar liberalizzazzjoni għal prodotti agrikoli, prodotti agrikoli pproċessati u ħut u prodotti tas-sajd u li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim (il-"Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2011² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012. L-emendi temporanji għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim se jintemmu fil-31 ta' Diċembru 2021.
- (4) Skont il-Punt C, il-paragrafu 1(a) tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, il-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim jista' jadotta estensjoni tal-emendi temporanji tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim permezz tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.
- (5) Il-ħtieġa li jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża għadha teżisti. Dan huwa partikolarment il-każ wara vjolenza reċenti f'Gaża u madwarha. Il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istabbiltà politika fir-reġjun. Il-

¹ ĠU L 187, 16.7.1997, p. 1.

² ĠU L 328, 10.12.2011, p. 5.

Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri kien ġie konkluż orġinarjament għal perjodu ta' għaxar snin. Fid-dawl tat-tbatija ekonomika persistenti fix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża u sabiex jiġu massimizzati l-istabbiltà u l-affidabbiltà tal-ippjanar, estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri b'10 snin oħra tkun l-aktar effettiva. Huwa għalhekk xieraq li l-emendi temporanji jiġu estiżi għal 10 snin addizzjonali.

- (6) Il-Kumitat Konġunt jeħtieġlu jadotta deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-emendi temporanji għall-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri b'għaxar snin.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, billi d-Deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President